

Brussell, 23 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

11050/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0190(NLE)

FISC 141
ECOFIN 643

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Ġunju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 329 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lir-Rumanija tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 218 u 232 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 329 final.

Mehmuż: COM(2023) 329 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.6.2023
COM(2023) 329 final

2023/0190 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lir-Rumanija tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 218 u 232 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud¹ (minn hawn 'il quddiem, "id-Direttiva dwar il-VAT"), il-Kunsill, huwa u jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru sabiex japplika miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva, sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jiġu evitati ċerti tipi ta' evazzjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fl-14 ta' Jannar 2022, ir-Rumanija talbet awtorizzazzjoni biex tidderoga mill-Artikoli 178, 218 u 232 tad-Direttiva dwar il-VAT biex tkun tista' timponi fatturazzjoni elettronika obligatorja għal tranżazzjonijiet bejn persuni taxxabli.

Barra minn hekk, permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-30 ta' Settembru 2022, ir-Rumanija mmodifikat it-talba tagħha. Għaldaqstant, ir-Rumanija kkonfermat li qed titlob l-awtorizzazzjoni biex tidderoga biss mill-Artikoli 218 u 232 tad-Direttiva dwar il-VAT u speċifikat li d-dħul fis-seħħ tal-miżura se jiġi pospost għall-1 ta' Jannar 2024, minflok għall-1 ta' Lulju 2022, li kienet id-data oriġinarjament mitluba.

F'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva dwar il-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tar-Rumanija, permezz ta' ittra datata t-8 ta' Diċembru 2022. Permezz ta' ittra datata d-9 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Rumanija li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tikkunsidra t-talba.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Rumanija ssottomettiet talba għal deroga, ibbażata fuq l-Artikolu 395 tad-Direttiva dwar il-VAT, biex tkun awtorizzata timplimenta obbligu li jinħarġu fatturi elettroniċi għal tranżazzjonijiet bejn persuni taxxabli stabbiliti fir-Rumanija. Skont ir-Rumanija, l-objettivi ewlenin segwiti mill-implimentazzjoni tas-sistema ta' fatturazzjoni elettronika obligatorja huma li jiġu miġġielda l-frodi u l-evazzjoni tat-taxxa, li l-ġbir isir aktar effiċjenti, b'mod partikolari fil-qasam tal-VAT, li tittejjeb il-kompetittività tal-operaturi ekonomiċi u li jitnaqqsu l-kostijiet amministrattivi kemm għall-kontribwenti kif ukoll għall-amministrazzjoni tat-taxxa.

L-informazzjoni fil-fatturi se tiġi rrapportata lill-amministrazzjoni tat-taxxa, li għalhekk se tikseb din id-*data* f'ħin reali. Dan se jippermetti lill-amministrazzjoni tat-taxxa twettaq verifika f'waqtha u awtomatika tal-konsistenza bejn il-VAT iddikjarata u mħallsa u l-fatturi maħruġa u riċevuti. Din il-possibbiltà se tgħin lir-Rumanija żżid l-effiċjenza u l-effettività tal-għieda kontra l-frodi u l-evazzjoni tal-VAT.

F'dan ir-rigward, ir-Rumanija konsistentement irreġistrat diskrepanza għolja tal-VAT f'dawn l-aħħar snin. L-aħħar rapport ippubblikat mill-Kummissjoni Ewropea juri diskrepanza tal-VAT ta' 35,7% għall-2020. Skont ir-Rumanija, din is-sitwazzjoni hija indikattiva ta' problema strutturali, li se teħtieġ kemm azzjoni urġenti kif ukoll sostnuta, u l-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa.

L-introduzzjoni tal-fatturazzjoni elettronika obligatorja u r-rapportar tad-*data* tal-fattura se jiksbu aktar konformità tal-kontribwenti kif ukoll effett ta' deterrent f'termini ta' tentattivi ta' frodi. Is-sistema prevista se tinvolvi, pereżempju, li l-parteciċipanti fil-"frodi karusell" isiru

¹ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

viżibbli għall-amministrazzjoni tat-taxxa mill-bidu nett. Bħalissa huwa diffiċli li jiġu identifikati l-parteċipanti fi frodi karusell minħabba li dawn ma jissottomettux dikjarazzjonijiet tal-VAT u/jew dikjarazzjonijiet oħra. L-introduzzjoni ta' fatturazzjoni elettronika ġeneralizzata se tkun għodda b'saħħitha għat-traċċar f'ħin reali tal-katina frawdolenti, li tippermetti lill-awtoritajiet tat-taxxa jieħdu azzjoni immedjata biex jidentifikaw u jwaqqfu lin-negozjanti milli jipparteċipaw f'din il-frodi.

L-introduzzjoni ta' fatturazzjoni elettronika obligatorja għal tranżazzjonijiet bejn persuni taxxabli se tkun ta' benefiċċju wkoll għall-operaturi ekonomiċi permezz tad-diġitalizzazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura ambjent kompetittiv ġust bejn il-kumpaniji. Uħud mill-benefiċċji tal-implimentazzjoni tal-fatturazzjoni elettronika għall-operaturi ekonomiċi huma pagamenti aktar rapidi, iffrankar fuq il-kostijiet tat-trażmissjoni, ipproċessar rapidu u rħis tad-*data* tal-fatturi u tnaqqis fil-kostijiet tal-arkivjar.

L-Artikolu 218 tad-Direttiva dwar il-VAT jipprevedi obbligu għall-Istati Membri li jaċċettaw id-dokumenti jew il-messaġġi kollha kemm f'forma fuq karta kif ukoll f'forma elettronika bħala fatturi. Għalhekk, ir-Rumanija tixtieq tikseb deroga mill-Artikolu msemmi hawn fuq tad-Direttiva dwar il-VAT sabiex id-dokumenti f'forma elettronika biss ikunu jistgħu jitqiesu bħala fatturi mill-amministrazzjoni tat-taxxa Rumena.

L-Artikolu 232 tad-Direttiva dwar il-VAT jeħtieġ li l-użu ta' fattura elettronika għandu jkun soġġett għall-aċċettazzjoni mir-riċevitur. Għalhekk, l-introduzzjoni ta' obbligu ta' fatturazzjoni elettronika fir-Rumanija teħtieġ deroga minn dan l-Artikolu sabiex l-emittent ma jibqax ikollu jikseb il-kunsens tar-riċevitur biex jibgħat fattura f'format mingħajr karti.

Fil-qasam tal-fatturazzjoni elettronika, ir-Rumanija ttrasponiet fil-liġi nazzjonali d-Direttiva 2014/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-fatturazzjoni elettronika fl-akkwist pubbliku², li introduċiet obbligu għall-awtoritajiet pubbliċi li jaċċettaw fatturi elettroniċi mibgħuta mill-fornituri tagħhom. Sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' fatturazzjoni elettronika użati fl-Unjoni Ewropea, li tibda mis-settur tal-akkwist pubbliku, il-fatturi elettroniċi għandhom isegwu standards komuni identifikati fis-CEN (il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni) bl-istandard Ewropew dwar il-fatturazzjoni elettronika EN 16931.

F'Novembru 2021 ir-Rumanija stabbiliet is-sistema ta' fatturazzjoni elettronika nazzjonali RO e-Invoice, maħluqa, żviluppata u ġestita mill-Ministeru tal-Finanzi permezz taċ-Ċentru Nazzjonali ta' Informazzjoni Finanzjarja. Skont ir-Rumanija, din is-sistema hija kompletament kompatibbli mal-istandard Ewropew dwar il-fatturazzjoni elettronika, u tfasslet u ġiet żviluppata biex tintuża għall-fatturazzjoni elettronika kemm fl-akkwist pubbliku (B2G) kif ukoll fit-tranżazzjonijiet bejn persuni taxxabli (B2B) jekk l-operaturi ekonomiċi jagħżlu li jagħmlu dan.

Sabiex jissottomettu fatturi permezz tas-sistema RO e-Invoice, kemm f'relazzjoni B2G kif ukoll f'relazzjoni B2B, il-persuni taxxabli jridu jawtentikaw lilhom infushom billi jużaw iċ-ċertifikat diġitali kwalifikat. Dan iċ-ċertifikat jintuża wkoll għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa differenti.

Is-sistema RO e-Invoice se tintuża bħala l-bażi għall-implimentazzjoni tas-sistema obligatorja ta' fatturazzjoni elettronika għal tranżazzjonijiet bejn persuni taxxabli.

L-użu tas-sistema RO e-Invoice se jibqa' fakultattiv għal operaturi ekonomiċi mhux stabbiliti.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tad-deroga, huwa importanti li jiġi vvalutat l-impatt tagħha fuq il-persuni taxxabli u, b'mod aktar speċifiku, jekk ikkontribwixxitx għall-

² ĠU L 133, 6.5.2014, p. 1.

għieda kontra l-frodi u l-evażjoni tal-VAT. Jekk ir-Rumanija tkun tixtieq ittawwal il-miżura ta' deroga, hija mitluba tipprovdi rapport dwar il-funzjonament tal-miżura flimkien mat-talba għal estensjoni. F'dan ir-rapport, għandha ssir valutazzjoni tal-miżura dwar l-effettività tagħha fil-għieda kontra l-frodi u l-evażjoni tal-VAT u fis-simplifikazzjoni tal-ġbir tat-taxxa. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll evalwazzjoni tal-miżura fuq il-persuni taxxabli u, b'mod partikolari, f'dak li għandu x'jaqşam maż-żieda tal-piżijiet amministrattivi u tal-kostijiet ta' konformità tagħhom.

Qiegħed jiġi propost li d-deroga tiġi awtorizzata mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2026 jew sad-data li fiha l-Istati Membri jridu japplikaw kwalunkwe dispożizzjoni nazzjonali li huma meħtieġa jadottaw f'każ li tiġi adottata direttiva li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali, b'mod partikolari l-Artikoli 218 u 232 ta' dik id-Direttiva, skont liema tiġi l-ewwel.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-Artikolu 218 tad-Direttiva dwar il-VAT ipoġġi fl-istess livell il-fatturi fuq karta u dawk elettroniċi billi jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jaċċettaw dokumenti jew messaġġi fuq karta jew f'forma elettronika bħala fatturi. Skont l-Artikolu 232 tad-Direttiva dwar il-VAT, l-użu ta' fattura elettronika għandu jkun soġġett għall-aċċettazzjoni mir-riċevitur. Il-fatturazzjoni elettronika obligatorja kif prevista mir-Rumanija fil-fatt tidderoga minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet.

Id-deroga tista' tiġi awtorizzata fuq il-bażi tal-Artikolu 395 tad-Direttiva dwar il-VAT sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jiġu evitati ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa. Ir-Rumanija talbet il-miżura ta' deroga biex tiġġieled il-frodi u l-evażjoni tat-taxxa bħala l-għan ewlieni tagħha. Abbażi tal-elementi pprovduti mir-Rumanija, id-deroga hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti.

Awtorizzazzjonijiet simili li jippermettu lill-Italja, lil Franza u lill-Polonja jidderogaw mill-Artikoli 218 u 232 tad-Direttiva dwar il-VAT, sabiex jimplementaw il-fatturazzjoni elettronika obligatorja, ingħataw bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2251³, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/133⁴ u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1003⁵.

Fl-2020, il-Kummissjoni adottat il-*“Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Pjan ta' Azzjoni għal tassazzjoni ġusta u sempliċi li tappoġġa l-istrateġija ta' rkupru”*⁶. Waħda mill-azzjonijiet previsti f'dan il-pjan ta' azzjoni hija l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' proposta leġiżlattiva mmirata lejn il-modernizzazzjoni tal-obbligi ta' rapportar tal-VAT. Kif indikat fil-Pjan ta' Azzjoni, din il-proposta għandha, fost l-oħrajn, tgħin biex jiġu ssimplifikati l-mekkaniżmi ta' rapportar li jistgħu jiġu applikati għat-tranżazzjonijiet domestiċi. Il-ħtieġa li l-fatturazzjoni elettronika tiġi estiża ulterjorment se tiġi eżaminata wkoll f'dan il-kuntest.

B'riżultat ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni, fit-8 ta' Diċembru 2022 il-Kummissjoni adottat Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali⁷. Din id-Direttiva se temenda l-Artikolu 218 u se tħassar l-Artikolu 232 tad-Direttiva dwar il-VAT. Din ir-riforma, ladarba tiġi adottata, se tippermetti lill-Istati Membri

³ ĠU L 454, 17.12.2021, p. 1.

⁴ ĠU L 20, 31.1.2022, p. 272.

⁵ ĠU L 168, 27.6.2022, p. 81.

⁶ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52020DC0312>

⁷ COM/2022/701 final.

jimplimentaw il-fatturazzjoni elettronika obligatorja, filwaqt li telimina l-ħtieġa li jintalbu aktar derogi mid-Direttiva dwar il-VAT sabiex jiġu implimentati tali sistemi. Għal dik ir-raġuni, ladarba din il-proposta għal Direttiva tiġi trasposta mill-Istati Membri, din id-Deċizzjoni tal-Kunsill ma jibqa' jkollha l-ebda effett utli. Id-Direttiva se tirrikjedi li l-Istati Membri li jimponu dan l-obbligu jippermettu l-ħruġ ta' fatturi elettroniċi li jikkonformaw mal-istandard Ewropew dwar il-fatturazzjoni elettronika u l-lista tas-sintassi tiegħu skont id-Direttiva 2014/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Barra minn hekk, il-ħruġ ta' fatturi elettroniċi minn persuni taxxabbli u t-trażmissjoni tagħhom ma jistgħux ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni jew verifika obligatorja minn qabel mill-awtoritajiet tat-taxxa, mingħajr preġudizzju għall-miżuri speċjali awtorizzati skont l-Artikolu 395 diġà implimentati fiż-żmien li d-Direttiva tidħol fis-seħħ.

Filwaqt li, skont ir-Rumanija, is-sistema nazzjonali tal-fatturi elettroniċi RO e-Invoice hija kompatibbli bis-sħiħ mal-istandard Ewropew dwar il-fatturazzjoni elettronika, ir-Rumanija beħsiebha titlob, fl-ewwel stadju, li l-fatturazzjoni elettronika ssir b'mod obligatorju permezz ta' sistema ġestita mill-amministrazzjoni tat-taxxa. Għalhekk, il-fornituri se jkollhom jibagħtu fatturi elettroniċi lill-klijenti tagħhom permezz ta' din is-sistema.

Dan jimplika li kull fattura elettronika se tiġi vverifikata awtomatikament mis-sistema RO e-Invoice. Is-sistema se twettaq kontrolli semantiċi u validazzjonijiet fuq l-istruttura u s-sintassi. Se tivverifika wkoll l-awtentiċità tal-orijini fir-rigward tal-identità tal-emittent. Ladarba dawn l-operazzjonijiet ikunu twettqu, jiġi ġġenerat messaġġ awtomatiku ta' rispons. Jekk ma jiġi identifikat l-ebda żball, jiġi applikat is-siġill elektroniku tal-Ministeru tal-Finanzi, li jiċċertifika l-wasla tal-fattura elettronika fis-sistema RO e-Invoice. Huwa biss wara dan li l-fattura elettronika ssir disponibbli għall-emittent u r-riċevitur biex titniżżel.

Peress li l-awtorizzazzjoni jew il-verifika obligatorja minn qabel mill-awtoritajiet tat-taxxa mhux se tkun allinjata mas-sistema futura prevista mill-Proposta dwar ir-regoli tal-VAT għall-era diġitali mill-1 ta' Jannar 2028, ir-Rumanija se tintroduċi l-adattamenti meħtieġa għas-sistema tagħha biex mill-1 ta' Jannar 2026 tippermetti lill-persuni taxxabbli jibagħtu d-*data* meħtieġa permezz ta' mezzi oħra minbarra s-sistema RO e-Invoice. Għalhekk, l-awtorizzazzjoni jew il-verifika tal-fatturi elettroniċi mill-awtoritajiet tat-taxxa mhux se jibqgħu obligatorji.

Għalhekk, id-deroga mitluba mir-Rumanija hija allinjata mal-objettivi segwiti mill-Kummissjoni kif stabbilit fil-Pjan ta' Azzjoni u fil-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

L-Artikolu 395 tad-Direttiva dwar il-VAT.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Fid-dawl tad-dispożizzjoni tad-Direttiva dwar il-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

• Proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru fuq talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Il-fatturazzjoni elettronika obligatorja se tinvolvi għadd ta' bidliet għall-persuni taxxabli. Madankollu, fir-Rumanija l-kontribwenti diġà huma familjari mad-diġitalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tagħhom mal-amministrazzjoni tat-taxxa. Is-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT u ta' dikjarazzjonijiet tat-taxxa oħra ssir b'mezzi elettroniċi, permezz ta' servizz ipprovdut mingħajr ħlas mill-awtoritajiet tat-taxxa. Sabiex jużaw dan il-metodu ta' dikjarazzjoni, il-kontribwenti għandhom firma elettronika kwalifikata miksuba permezz ta' ċertifikat diġitali.

Is-sistema nazzjonali għall-fatturi elettroniċi, is-sistema RO e-Invoice, diġà hija operazzjonali u l-operaturi ekonomiċi għandhom l-għażla li jissottomettu fatturi elettroniċi permezz ta' din is-sistema, kemm fir-relazzjonijiet B2G kif ukoll f'dawk B2B. Fl-istess ħin, sabiex jiġi minimizzat l-impatt finanzjarju tal-implimentazzjoni obligatorja tas-sistema, l-awtoritajiet tat-taxxa se jipprovdut applikazzjoni mingħajr ħlas li tippermetti l-ġenerazzjoni ta' fatturi elettroniċi.

Ta' min jinnota li fir-Rumanija diġà huwa obligatorju li tintuża l-fatturazzjoni elettronika fir-relazzjonijiet B2G wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-fatturazzjoni elettronika fl-akkwist pubbliku.

Ir-Rumanija tqis li l-ħidma preparatorja mwettqa permezz tal-mudell ta' fatturazzjoni elettronika volontarja u l-għodod li se jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-kontribwenti biex jikkonformaw mal-obbligu, flimkien mal-vantaġġi u l-benefiċċji derivati mill-implimentazzjoni tal-fatturazzjoni elettronika, se jassorbu fil-biċċa l-kbira l-investimenti meħtieġa biex jadattaw is-sistemi tal-IT tal-kontribwenti.

Id-deroga hija wkoll limitata fiż-żmien u għandu jitħejja rapport dwar il-funzjonament u l-effettività tal-miżura f'każ li r-Rumanija tkun tixtieq ittawwal il-miżura ta' deroga.

Għaldaqstant, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan li jrid jintlaħaq, jiġifieri li tiġi miġġielda l-evazzjoni tat-taxxa.

- **Għażla tal-istrument**

Strument propost: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva dwar il-VAT, deroga mir-regoli komuni tal-VAT tista' tingħata biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jagħxxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni. Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill hija l-aktar strument xieraq minħabba li tista' tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-fatturazzjoni elettronika obligatorja se jkollha impatt kemm fuq l-awtorità tat-taxxa kif ukoll fuq il-persuni taxxabli.

L-implimentazzjoni tal-fatturazzjoni elettronika obligatorja hija waħda mill-miżuri inklużi fil-Pjan Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Skont ir-Rumanija, din se tnaqqas id-

diskrepanza tal-VAT b'minimu ta' 5 punti perċentwali sat-tieni kwart tal-2026 meta mqabbla mal-2019. L-implimentazzjoni tal-fatturazzjoni elettronika obbligatorja se tissarraf f'żieda fil-ġbir tal-VAT u tat-taxxi diretti ta' mill-inqas RON 7,6 biljun (madwar EUR 1,5 biljun).

L-implimentazzjoni tal-proġetti ta' diġitalizzazzjoni, bħas-sistema RO e-Invoice, l-interkonnnessjoni tal-magni tal-immarkar fiskali, is-SAF-T, il-monitoraġġ tax-xiri u l-konsenji u s-sistema RO e-Transport (il-monitoraġġ tat-trasport fit-territorju nazzjonali), se tippermetti l-integrazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju. B'riżultat ta' dan, skont l-istimi Rumeni, il-ġbir ta' dħul addizzjonali fil-PDG se jiżdied b'mill-inqas 2,5 punti perċentwali sar-raba' trimestru tal-2025 meta mqabbel mal-livell miksub fl-2019.

Iż-żieda fid-dħul li mistenni jinġabar mill-VAT u mit-taxxi diretti assoċjati mal-implimentazzjoni tal-miżuri differenti tar-riforma tal-amministrazzjoni tat-taxxa, se tammonta għal minimu ta' RON 10,87 biljun, li 5 minnhom se jikkorrispondu għad-dħul mill-VAT u 5,87 se jikkorrispondu għall-introjtu mit-taxxi diretti. Il-kontribuzzjoni ġġenerata mill-implimentazzjoni tas-sistema RO e-Invoice hija stmata għal madwar 70% ta' dan id-dħul addizzjonali totali miġbur, għalhekk RON 7,6 biljun, mis-sorsi li ġejjin:

Żieda fil-konformità volontarja — RON 0,6 biljun;

Tnaqqis tal-evazzjoni tat-taxxa u l-frodi tal-MTIC — RON 1,3 biljun

Tnaqqis fl-ottimizzazzjoni tat-taxxa u fl-ekonomija informali — RON 1,6 biljun

L-effetti tat-taxxi diretti li jirriżultaw mid-dimensjonar mill-ġdid tal-bażi taxxabbli tal-VAT – RON 4,1 biljun.

Fir-rigward ta' persuni taxxabbli, dawn se jġarrbu kostijiet iġġenerati mill-akkwist ta' sistemi tal-IT u/jew software, peress li probabbilment is-sistemi/software attwali tagħhom ma jkunux jistgħu joħorġu u jissottomettu fatturi elettroniċi lis-sistema RO e-invoice. Madankollu, tali kost jista' jitnaqqas b'mod sinifikanti jew saħansitra jiġi eliminat bl-użu tas-servizzi u l-applikazzjonijiet magħmula disponibbli mingħajr ħlas mill-awtoritajiet tat-taxxa.

L-operaturi ekonomiċi se jibbenefikaw ukoll mid-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tagħhom. L-implimentazzjoni tal-fatturazzjoni elettronika se tinvolvi pagamenti aktar rapidi, iffrankar fuq il-kostijiet tat-trażmissjoni, ipproċessar rapidu u rħis tad-*data* tal-fatturi u tnaqqis fil-kostijiet tal-arkivjar. Barra minn hekk, l-introduzzjoni tas-sistema ta' fatturazzjoni elettronika obbligatorja se twassal għat-tneħħija tal-obbligu attwali li tiġi rrapportata informazzjoni dwar il-provvisti domestiċi.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżura ma hija se jkollha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-VAT.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lir-Rumanija tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 218 u 232 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fl-14 ta' Jannar 2022, ir-Rumanija talbet awtorizzazzjoni biex tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 178, 218 u 232 tad-Direttiva 2006/112/KE ("il-miżura speċjali") sabiex tintroduċi fatturazzjoni elettronika obligatorja għat-tranżazzjonijiet kollha mwettqa bejn persuni taxxabbli stabbiliti fit-territorju tar-Rumanija. L-awtorizzazzjoni ġiet mitluba għal perjodu mill-1 ta' Lulju 2022 sal-31 ta' Diċembru 2025.
- (2) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-30 ta' Settembru 2022, ir-Rumanija infurmat lill-Kummissjoni li d-deroga mitluba mill-Artikolu 178 tad-Direttiva 2006/112/KE ma għadhiex meħtieġa. Barra minn hekk, ir-Rumanija talbet li l-awtorizzazzjoni tingħata għal perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2026, minflok għall-perjodu oriġinarjament mitlub.
- (3) Permezz ta' ittri datati t-8 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni bagħtet it-talba tar-Rumanija lill-Istati Membri l-oħra. Permezz ta' ittra datata d-9 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Rumanija li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tikkunsidra t-talba.
- (4) Ir-Rumanija ssostni li l-fatturazzjoni elettronika obligatorja għal tranżazzjonijiet bejn persuni taxxabbli stabbiliti fir-Rumanija, flimkien mal-obbligu li tiġi rrapportata d-*data* dwar dawk it-tranżazzjonijiet lill-amministrazzjoni tat-taxxa, jipprovdu benefiċċji fil-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT). Dan jippermetti lill-amministrazzjoni tat-taxxa twettaq verifika f'waqtha u awtomatika tal-konsistenza bejn il-VAT iddikjarata u mħallsa u l-fatturi maħruġa u riċevuti, li ttejjeb b'mod sinifikanti l-kapaċitajiet analitiċi tal-amministrazzjoni tat-taxxa Rumena. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' fatturazzjoni elettronika obligatorja tkun għodda b'saħħitha għat-traċċar f'ħin reali tal-ktajjen tal-frodi tal-VAT, li tippermetti lill-awtoritajiet tat-taxxa jieħdu azzjoni immedjata biex jidentifikaw u jwaqqfu lin-negozjanti milli jipparteċipaw f'tali attivitajiet frawdolenti.
- (5) Ir-Rumanija tqis li l-introduzzjoni ta' fatturazzjoni elettronika obligatorja se tkun ta' benefiċċju wkoll għall-operaturi ekonomiċi permezz tad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi

¹ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

u t-naqqis tal-piż amministrattiv, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura ambjent kompetittiv ġust għall-persuni taxxabbli. Id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tkun tinvolvi pagamenti aktar rapidi, iffrankar fuq il-kostijiet tat-trażmissjoni, ipproċessar rapidu u rħis tad-data tal-fatturi, u kostijiet imnaqqa tal-arkivjar għall-persuni taxxabbli. L-introduzzjoni tas-sistema ta' fatturazzjoni elettronika obligatorja twassal għat-tneħħija tal-obbligu attwali li tiġi rrapportata informazzjoni dwar il-provvisti domestiċi, u b'hekk jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-operaturi ekonomiċi.

- (6) Fit-8 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali². L-emendi proposti se jemendaw l-Artikolu 218 se jħassru l-Artikolu 232 tad-Direttiva 2006/112/KE, li jippermetti lill-Istati Membri jimplementaw il-fatturazzjoni elettronika obligatorja, filwaqt li jeliminaw il-ħtieġa li jintalbu aktar derogi mid-Direttiva 2006/112/KE sabiex jiġu implimentati tali sistemi. Għalhekk, mid-data li fiha l-Istati Membri għandhom japplikaw kwalunkwe dispożizzjoni nazzjonali li huma meħtieġa jadottaw fil-każ li dik id-direttiva tiġi adottata, din id-Deċiżjoni ma jibqa' jkollha l-ebda effett utli. Skont dik il-proposta, mingħajr preġudizzju għal ċerti dispożizzjonijiet tranżitorji, it-trażmissjoni ta' fatturi elettroniċi mhux se tibqa' soġġetta għal awtorizzazzjoni jew verifika obligatorja minn qabel mill-awtoritajiet tat-taxxa. Ir-Rumanija beħsiebha titlob, bħala l-ewwel pass, verifika mill-amministrazzjoni tat-taxxa dwar il-korrettezza tal-fattura qabel ma l-fattura elettronika tkun tista' titqies valida. Madankollu, ir-Rumanija għandha tagħmel l-adattamenti meħtieġa għas-sistema biex sal-31 ta' Diċembru 2025 tippermetti lil persuni taxxabbli jibagħtu d-data meħtieġa lill-amministrazzjoni tat-taxxa mingħajr ma l-fattura tkun soġġetta għal verifika minn qabel. B'riżultat ta' dan, il-verifika minn qabel tal-fatturi mill-amministrazzjoni tat-taxxa se ssir fakultattiva għall-persuni taxxabbli.
- (7) Minħabba l-ambitu wiesa' u n-natura ġdida tal-miżura speċjali, huwa importanti li jiġi evalwat l-impatt tagħha fuq il-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tal-VAT u fuq il-persuni taxxabbli. Għalhekk, fejn ir-Rumanija tqis li hija meħtieġa estensjoni tal-miżura speċjali, jenħtieġ li tippreżenta lill-Kummissjoni, flimkien mat-talba għal estensjoni, rapport li jinkludi l-valutazzjoni tal-miżura speċjali dwar l-effettività tagħha fil-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tal-VAT u fis-simplifikazzjoni tal-ġbir tal-VAT.
- (8) Il-miżura speċjali jenħtieġ li ma taffettwax id-dritt tal-klijent li jirċievi fatturi fuq karta fil-każ ta' tranżazzjonijiet intra-Komunitarji.
- (9) Jenħtieġ li l-miżura speċjali tkun limitata fiż-żmien biex tkun tista' ssir valutazzjoni ta' jekk hijiex adatta u effettiva fid-dawl tal-oġġettivi tagħha.
- (10) Il-miżura speċjali hija għalhekk proporzjonata mal-oġġettivi segwiti peress li hija limitata fiż-żmien u fil-kamp ta' applikazzjoni. Barra minn hekk, il-miżura speċjali ma tagħtix lok għal riskju li l-frodi titmexxa lejn setturi oħra jew lejn Stati Membri oħra.
- (11) Il-miżura speċjali mhux se jkollha effett negattiv fuq l-ammont globali tal-introjtu mit-taxxa miġbur fl-istadju tal-konsum finali u mhux se jkollha effett negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jinġabru mill-VAT,

² COM/2022/701 final.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 218 tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Rumanija hija awtorizzata taċċetta fatturi li jkunu nħarġu minn persuni taxxabbli stabbiliti fit-territorju tar-Rumanija fil-forma ta' dokumenti jew messaġġi biss jekk dawk id-dokumenti jew messaġġi jiġu trasferiti f'format elettroniku.

Artikolu 2

B'deroga mill-Artikolu 232 tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Rumanija hija awtorizzata ttipprovdi li l-użu ta' fatturi elettroniċi maħruġa minn persuni taxxabbli stabbiliti fit-territorju tar-Rumanija ma għandux ikun soġġett għal aċċettazzjoni mir-riċevitur stabbilit fit-territorju tar-Rumanija.

Artikolu 3

Ir-Rumanija għandha tinnotifika lill-Kummissjoni bil-miżuri nazzjonali li jimplementaw il-miżuri speċjali għad-derogi msemmija fl-Artikoli 1 u 2.

Artikolu 4

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2024 sal-aktar data kmieni minn dawn iż-żewġ dati li ġejjin:

(a) 31 ta' Diċembru 2026;

(b) id-data minn meta l-Istati Membri jridu japplikaw kwalunkwe dispożizzjoni nazzjonali li huma meħtieġa jadottaw f'każ li tiġi adottata direttiva li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali, b'mod partikolari l-Artikoli 218 u 232 ta' dik id-Direttiva.

2. Jekk ir-Rumanija tqis li hija meħtieġa estensjoni tal-miżura speċjali, ir-Rumanija għandha tippreżenta talba għal estensjoni lill-Kummissjoni, flimkien ma' rapport li jivvaluta sa fejn il-miżuri nazzjonali msemmija fl-Artikolu 3 kienu effettivi fil-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tal-VAT u fis-simplifikazzjoni tal-ġbir tat-taxxa. Dak ir-rapport għandu jevalwa l-impatt ta' dawk il-miżuri fuq il-persuni taxxabbli u, b'mod partikolari, jekk dawk il-miżuri jżidux il-piżijiet amministrattivi u l-kostijiet tagħhom.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*